Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 17/2018

Il-Pulizija

Vs

Brian Tabone

Illum 6 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Brian Tabone detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 75372M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fl-14 ta' Settembru 2016 ghall-habta ta' 17:30hrs fi Triq Barnaba, San Pawl il-Bahar, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ACH 103:

1. U meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Tereza

Buhagiar skont kif iccertifika Dr. Rebecca Elaine Grech MD Reg No 3482 mill-MDH;

2. Talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
3. Talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;
4. Talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
5. Talli b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Tereza Buhagiar, liema hsara hija stmata li tammonta ghal-£204.31 (lira sterlina).

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skalifikat/a mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Jannar, 2018, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u l-hames akkuzi b'dan li t-tieni akkuza assorbita fl-ewwel u l-hames akkuza.

Illiberatu mit-tielet u mir-raba' akkuza.

Rat l-Art 226 tal-Kap 9, 328(d) tal-Kap 9, u Art 15(1)(a)(2) tal-Kap 65;

Ikkundannatu ghal multa komplessiva ta' Euro 500 u tletin (30) jum sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan b'effett minn nofsillejl tal-lum.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Brian Tabone,ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha **tirriforma s-sentenza appellata**, billi tikkonferma s-sentenza fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tielet u r-raba' imputazzjoni izda tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn l-appellant instab

hati tal-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet u l-konsegwenti htija u piena; u *alternattivament* f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, it-tieni u l-hames imputazzjonijiet, l-appellant jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi tvarja l-piena inflitta ghal wahda aktar ekwa u gusta fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Brian Tabone huma s-segwenti u cioe`:-

1. **Konflitt ta' Provi.**

Illi minn imkien tul il-mori ta' dawn il-proceduri ma jirrizulta illi dan l-incident kien kawza tan-negligenza jew nuqqas tal-appellant. Illi hekk kif digà gie spjegat, minn imkien ma jirrizulta illi kien hemm ness bejn il-griehi u hsarat sofferti mill-vittma u l-vettura tal-appellant. Illi jirrizulta b'mod lampanti, illi sfortunatament il-vittma ghal raguni mhux maghrufa zelqet jew waqghet, u b'konsegwenza ta' dan tremblet ir-rampa fl-entratura tal-garaxx. Illi ghalkemm il-vittma tikkontendi illi hija giet milquta mill-vettura misjuqa mill-appellant, meta wiehed izomm f'mohhu l-griehi f'wicc il-vittma u l-vettura (Toyota Rav4) misjuqa mill-appellant, zgur illi wiehed jinduna illi kieku l-appellant laqat lill-vittma, il-konsegwenzi kienu jkunu hafna aktar serji, tenut ukoll il-fatt illi l-vittma hija mara anzjana. Illi f'dan il-kaz, huwa impossibbli illi l-appellant m'ezercitax il-proper lookout stante illi sabiex wiehed jirriversja gewwa garaxx (aktar u aktar b'vettura kbira), wiehed minghajr ma jrid ihares minn gol-mirja u jaghmel manuvra kkalkulata u preciza. Illi ghalkemm il-vittma tikkontendi illi l-appellant laqatha filwaqt li kien qed jirriversja, jidher b'mod car illi dan l-incident kien kawza ta' misjudgement min-naha tal-vittma, meta din iddecidiet illi taqsam minn quddiem entratura tal-garaxx, filwaqt li l-appellant kien qieghed jirriversja, liema decizjoni wasslitha sabiex tremblet ir-rampa fl-istess entratura. Illi fix-xhieda taghha, il-vittma

stess xehdet illi kienet miexja fuq il-bankina, qasmet l-entratura tal-garaxx u kienet miexja mghaggla sabiex tmur il-quddies!

2. **Nuqqas ta' ness bejn il-vettura misjuqa mill-appellant u l-griehi sofferti mill-vittma**

Illi fl-umli fehma tal-appellant, dan kien biss incident sfortunat, liema *casus* zgur illi qatt ma jista' jwassal ghal htija jew piena fil-konfront tal-appellant. Illi ghalkemm l-appellant wera l-vettura tieghu lill-pulizija, u minn imkien ma jirrizulta illi l-vettura misjuqa mill-appellant laqtet lill-vittma, il-Pulizija Ezekuttiva xorta wahda harget l-akkuzi fil-konfront tal-appellant. Illi l-oneru tal-prova f'dawn il-proceduri huwa fuq il-prosekuzzjoni, u meta wiehed izomm f'mohhu n-nuqqas ta' ness bejn il-vettura in kwistjoni u l-griehi sofferti mill-vittma, zgur illi ma jistax jinghad ili l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi u cioe` *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni*. Illi jirrizulta wkoll illi x-xhud ta' nazzjonalità Taljana ma giex mitkellem mill-Pulizija, liema xhud zgur illi kien jitfa' dawl fuq il-vericità tal-verzjoni tal-appellant. Illi ghalkemm l-appellant prova jaghti d-dettalji ta' din il-persuna mhux maghrufa lill-Pulizija, dan ma giex identifikat, u b'kawza ta' dan l-appellant spicca akkuzat u konsegwentement misjub hati!

3. **Piena Eccessiva**

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji hawn fuq imsemmija, il-piena konsistenti f'multa ta' hames mitt ewro (Euro 500) u s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal tletin (30) jum, inflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti, fl-umli fehma tal-esponent kienet wahda eccessiva u timmerita tigi riveduta, f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti ma tilqax dan l-appell.

Ikkunsidrat,

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni quddiemha u dan fis-seduta tat-18 ta' Settmbru 2018.

**Tereza Buhagiar** xehdet u spjegat kif nhar l-14 ta Settembru 2016 hija kient harget mid-dar ghall-habta tal-5.50p.m u kienet mixja fi Triq Barnaba, San Pawl il-Bahar biex tmur tisma' l-quddies. Tghid li kienet bil-pass u lahqet mxiet xi ghaxar minuti. Qalet li semghet lil xi had jghajjat, harset lura biex tara x'kien ghaddej u dlonk giet milquta fuq rasha. Tilfet in-nuccali, tgerbet ma l-art u ma kien hemm hadd biex jghinha. Kellha hafna dmija u kienet qed tirtod. F'daqqa u l-hin giet nurse u ghamlitilha erba' punti fuq ghajnejha. L-appellant talabha jekk tridx li jinformha lil zewgha u qaltlu li tghix fl-istess triq u mar jghajjat lir-ragel taghha.

Mistoqsija jekk kienitx miexja fit-triq jew fuq il-bankina qalet li kient fuq il-bankina u giet milquta ghaliex l-appellant irriversja ghal fuqha waqt li kient fuq il-bankina. Qalet fi kliemha li kienet 'as fit as a fiddle'. Tahseb li kien bin-nervi ma xi hadd.

Murija r-ritratti esebiti a fol 14 u 15 u tikkonferma li dawn huma r-ritratti taghha. Murija ir-ritratt a fol 16 tikkonferma li din hija l-karozza li laqtitha u id-dokument a fol. 9 hija ir- ricevuta tan-nuccali taghha u d-dokument a fol 8 huwa c-certifikat mediku taghha. Spjegat fuq domanda li saritilha in kontro ezami li fuq in-naha tal-lemin taghha fejn kient miexja hi kien hemm l-entratura taht l-art tal-grages (semi-basement) minn fejn kien qed jirriversja l-appellant.

**Brian Tabone** l-appellant xehed u kkonferma li kien gej bir-reverse biex jidhol fil-garage tieghu u f'daqqa u l-hin ra persuna tirrombla fuq ir-rampa. Nizel mill-vettura sabiex jghinha. Mar fuq ghaliex jaf li kien hemm nurse u dan sabiex tasisti lil-vittma. Jaf li nizelt u ghamlitilha l-punti f'wiccha. Beda jghajjat lir-ragel taghha biex ighidlu x'kien gara. Mar go haunt biex icemplu ghall-ambulanza u jaf li l-vittma wara spicct marret l-isptar bl-ambulanza.

Jikkonferma li huwa kien qed isuq karozza ghoja tal-ghamla Rav 4 u lil vittma ma rahiex. Kellu speed baxx hafna. Jaf li kien hemm Taljan u dak il-hin u qallu b'referenza ghall-anzjana li kienet 'scivolata'.

Ikkonferma li huwa kien qed jirriversja ghal go garages semi-basement . Hares mill-mirja kemm tan-nofs kif ukoll tal-gemb izda ma raha lil hadd. Cahad li kellu xi jghid ma xi hadd.

Semgeht lill-partijiet jittrattaw il-kaz fejn il-prosekuzjzoni insistiet li l-appellant ma kellux *proper look out* u ma hax il-prekawzjoni necesarja sabiex jirriversja fit-triq meta kien ser jidhol fil-garage tieghu semi-basement. Id-difiza min naha l-ohra tghid li ma kien hemmx ness bejn il-vettura tal-appellant u il-feriti subiti mill-vittma u dan ghaleix temmen li l-anzjana zelqet fit-triq proprju fil-hin meta kien qed jirriversja l-appellant. Tghid li l-feriti mhumiex kompatibbli mad-daqqa li allegatament qalet mil-karozza. In oltre ziedet tghid li l-prosekuzzjoni naqset meta ma ressitx bhala xhud lil dan it-Taljan li setgha ra l-akkadut. Minn naha l-ohra il-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward tghid li kieku d-difiza kienet taf min hi din il-persuna setghet facilment infurmat lill-prosekuzzjoni dwarha jew adirittiura ressqitu bhala xhud taghha.

Ikkunsidrat,

Illi mill-fatti fuq riskontrati jirrizulta li l-appellant kien qed isuq karozza kif qal hu stess gholja tal-ghamla Rav u dan kien qed jirriversja ghal-garage tieghu semi basement. Illi mistoqsi x'ghamel qal li hares kemm mill-mera tan-nofs kif ukoll tal-genb u ma ra lil-hadd. Fl-ebda hin ma qal kif mitlub fil-Highway code li huwa hares fuq il-lemin, fin-nofs u fuq ix-xellug tieghu. Mhemmx dubbju li l-azzjoni ta' reverse hija l-manuvra inkonsulta tal-appellant li irriversja fi triq minn fejn jghaddu n-nies u dan minghajr ma kellu lil hadd li jaralu u minghajr ghalhekk ma ha il-prekawzjonijiet necessarji.

Din il-Qorti tirrileva li l-manuvra ta' reverse hija manuvra eċċezzjonali għalkemm użata regolarment, f'ċerti ċirkostanzi u sitwazzjonijiet ċirkoskritti. In vista' illi vettura normalment tinstaq bil-quddiem, min se jagħmel il-manuvra biex ireġġa lura, irid jieħu prekawzjonijiet aktar sabiex meta jirriversja ma jikkostitwix ruħu ta' periklu għal terzi persuni w utenti oħra ta' l-istess triq. Meta l-appellant ġie b'lura, dan ma ra lil ħadd. Dan jindika li ma żammx a proper look out fuq il-manuvra tar-reverse u fit-tieni lok ma

kienx qiegħed jieħu dawk il-miżuri neċessarji sabiex ma jinvolvix terzi persuni u vetturi oħra.

L-appellant kellu l-obbligu li jippresta l-attenzjoni tieghu meta qed jaghmel manuvra ta' reversing u n-nuqqas ta' attenzjoni jikkostitwixxi nuqqas ta' proper look out.

F'dan il-kaz jidher li waqt li l-appellant kien qed jghamel il-manuvra ta' reverse, il-vittma kient mixja fuq il-bankina sejra l-quddies. Ma jistax jinghad bl-ebda mod li hija ikkontribwiet ghal dan l-incident sempliciment ghaliex inzertat kienet fuq il-bankina dak il-hin li l-appellant ghogbu li jirriversja.

L-appellant jallega li ma laqatx lil-vittma pero' ma gab l-ebda prova dwar dan sabiex jikkumbatti dak li stqarret b'mod elokwenti u affidabli l-vitma. Jghid li kien hemm Taljan li qal li il-vitma zelqet 'scivolata' pero l-vittma ma semmix li kien hemm Taljan u lanqas ma giet msiqosija in kontro ezami dwar dan l-allegat taljan. Kien jispetta lill-appellant jinforma lill-prosekuzzjoi bir-relevanza ta' tali xhud jekk kellu bzonnu ghad-difiza tieghu.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Christopher Brincat</u>**[1]**<u>,</u>** dik il-Qorti ghamlet ezami approfondit fuq dak li jikkostitwixxi id-dmir tas-sewwieq kif ukoll l-obbligi tal-pedestrian, hekk kif deciz mill-Qrati taghna. F'dik is-senetnza giet ikkowotata d-decizjoni tal-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Robert Brincat</u>**[2], fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal gurisprudenza kopjuza f'dan ir-rigward. Il-Qorti stqarret:

“"Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak **biss** fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort'

[1] Deciza fit-13 ta' Ottubru 2010
[2] Deciza fit-22 ta' Novembru, 2007 mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri per. Imhallef J.Galea Debono.

ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita linvestiment."( sottolinear ta din il-Qorti) (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud**[3]"

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :-

"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk ilpedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ." (vide. "**Il-Pulizija vs. Alfred Caruana**[4]").

"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza." (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. George Muscat**[5]"

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Spiter**[6]i:
*"Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a proper lookout ghall-vejikoli, pedestrians, u road-users ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu."*

[3] Deciza fis-26 ta Gunju 1954 Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859
[4] Deciza nhar l-14 ta Mejju 1955 ; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appellil Kriminali nhar is-6 ta Mejju 1961 Kollez. Vol. XLV p.iv. 947
[6] Deciz mill -Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-21 ta' Mejju 1960

Il-Qorti osservat *"ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' split second u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali.""*

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li-

*"… biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghall-responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet..*[7]*."*

Illi f'dan l-appell din il-Qorti gie mitluba biex tikkonferma dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn ma sabitx htija fil-konfront tal-appellant fir-rigward tat-tielet u r-raba' akkuza u riforma ta l-ewwel, it-tieni u hames akkuza fejn sabet lill-appellant hati.

Illi din il-Qorti gja espremiet ruha dwar is-sewqan tal-appellant u zgur li bil-manuvra li ghamel dan ghanu jitqies li kien traskurat fis-sewqan tieghu. In oltre jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li hwua ghandu jinzamm responsabbli ghall-feriti li sofriet Tereza Buhagiar bhala rilzultat ta' dan l-investiment fejn sofriet griehi ta' natura hfief u kif deskritti mit tabib fic-certiikat rilaxxjat minnu a fol. 8 u mhux gravi kif moghtija fl-akkuza. Ghalhekk qed issib lill-appellant hati talli kkaguna feriti ta' ntura hafifa u mhux ta' feriti gravi minn liema akkzua qed tilliberah. In oltre qed issibu hati tal-hames akkuza u cioe' li involontarjament ikkaguna hsarat materjali konsistenti fi hsara fin-nuccali ta' Tereza Buhagiar kif deskritti fl-ircevuta esebita fl-atti a fol 9 u dan fl-ammont ta' €204.31.

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijeit **il-Pulizija vs Joseph Grech** deciza deciz nhar is-6 ta' Gunju .2003

Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tielet u r-raba akkuza qieghda tikkonfermaha ukoll fir- rigward tat-tieni u l-hames akkuza izda qed tirriformaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza u cioe' li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq Tereza Buhagiar u minflok qed issibu hati talli kkaguna feriti ta' natura hafifa.

Stante li din il-Qorti qed issib lil-appellant hati ta' akkuza inqas qieghda ukoll timmodifika il-piena inflittta mill-ewwel Qorti u ghalhekk qed tirriformaha f'dak ir-rigward u tikkundanna lill-appellant ihallas multa ta' mitejn euro (€200) u tordna s-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghall-perijodu ta' gimgha m'llum liema perijodu ghandu jibda' jiddekorri mill-llum nofs il-lejl.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur